Nru. 298

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar tqis li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

43/44, Triq ix-Xatt
u
45, Triq l-Arċisqof Gonzi,
Il-Kalkara

(ara l-pjanta f'paġna 2676) hija ta' valur arkitettoniku u għall-kuntest li tinsab fih.

L-Awtorità hija tal-fehma li l-proprjetà msemmija hija fil-periklu li tiġi danneġġata.

L-Awtorità qiegħda b'hekk tohroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Din il-proprjetà għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-Policy UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur arkitettoniku u għall-kuntest li tinsab fih.

(ii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, irdim, ċaqliq ta' materjal jew tneħħija ta' ġebel ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà ta' l-imsemmija proprjetà.

(iii) Kull intervent f'din il-proprjetà li jista' jkun permess skond il-provvedimenti msemmija hawn fuq għandhom ikunu approvati bil-quddiem mill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Ix-xogħlijiet kollha jridu jkunu skond *method statement* li għandu jinkludi *survey* arkitettoniku tal-proprjetà ppreparat mill-iżviluppatur għas-sodisfazzjon ta' u approvat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà ssirilha xi ħsara jew tiġi meqruda bi ksur ta' din l-Ordni l-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f' artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-22 ta' April, 1997

No. 298

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority hereby believes that the following property, namely:–

43/44, Marina Road
and
45, Archbishop Gonzi Road
Kalkara

(see plan on page 2676) is of architectural and contextual value.

The Authority also believes that the property is in danger of being damaged by development.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act, 1992.

(i) The property is to be considered as a Grade 2 scheduled property as per Strucutre Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and contextual value.


(ii) The destruction, infliction of damage, development, dumping or movement of material, or removal of stones within the property of the said buildings is prohibited.

(iii) Any interventions on the property which might be permissable according to the above must be approved in advance in writing by the Planning Authority. All works must be according to a method statement which includes an architectural survey of the property prepared by the developer to the satisfaction of and approved by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If any part of the property is damaged or destroyed in contravention of this Order, the Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

22nd April, 1997



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E57175, N71720 Max E575971, N721851

St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order: Kalkara

Ref No. :- **GF 172/97**

Nos. 43/44, Triq Marina and

No. 45, Triq l-Arcisqof Gonzi

Form No. :- MU003